MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 2092/2004

**Ebrahim Mohammadpour**

**vs**

**Joseph Busuttil**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-4 ta’ Novembru 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ erba’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm425.00) rapprezentanti danni li sofra l-attur meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru CAF545 fl-4 ta’ Gunju 2004 gewwa l-Kalkara habat ma’ vettura numru JAC326 propjeta’ ta’ l-attur u misjuqa minnu u kkaguna danni f’din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-parir (Lm15) u ta’ ittra ufficcjali datata 15 ta’ Settembru 2004 u ta’ ittra ufficjali ohra prezentata kontestwalment ma’ l-Avviz kontra l-

assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn gie eccepit li r-responabbilta’ ghall-incident hija unikament ta’ l-attur li qabez traffiku li kien wieqaf sabiex ikun jista’ jirriversja l-konvenut.

Sema’ x-xhieda ta’ l-attur, ta’ Vincent Tabone u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fl-4 ta’ Gunju 2004 f’Pjazza Arcisqof Gonzi l-Kalkara bejn il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni JAC326 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CAF545 misjuqa mill-konvenut.

L-attur xehed li dakinhar ta’ l-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fil-pjazza tal-Kalkara, kien riesqa lejn *roundabout* u kien hemm trakk wieqaf man-naha tax-xellug tieghu. L-attur jghid ukoll li s-sewwieq ta’ dan it-trakk kien qed jitkellem ma’ persuna li kienet barra t-trakk u li kien hemm vetturi ohra parkeggjati b’mod *fishbone* man-naha tax-xellug tieghu. Kif kien ghaddej biswit dawn il-vetturi harget il-vettura misjuqa mill-konvenut li kienet qed tirriversja l-barra mill-*parking* u habtet man-naha tax-xellug tal-vettura misjuqa mill-attur. L-attur isostni li wara l-incident il-konvenut ammetta r-responsabbilta’ ta’ l-incident izda sussegwentement rega’ biddel l-ideja u m’accettax ir-responsabbilita’. In kontroezami l-attur qal li huwa ma setax jara l-vettura tal-konvenut qabel l-impatt minhabba t-trakk li kien wieqaf.

Il-konvenut xehed li l-vettura tieghu kienet parkeggjata fil-pjazza tal-Kalkara b’mod *fishbone* f’*parking slot* li jidher quddiem il-vann tieghu fl-iskizz imhejji mill-*warden* li

nvestiga l-kaz. Huwa jghid li kien hiereg mill-*parking* bil-moghod u bir-*reverse* u li kienet gejja vettura minn warajh li riedet tidhol fil-*parking space* minfloku. Is-sewwieq ta' din il-vettura xeghel l-*indicator* u daqq il-*horn* sabiex jindika lill-konvenut li ried jidhol minfloku. Sadanittant, ikompli l-konvenut, giet xarabank u pparkeggjat fuq il-*Bus Stop* u l-vettura misjuqa mill-attur giet minn wara din ix-xarabank u minn wara l-vann u laqtet il-vettura tal-konvenut fuq in-naha tal-lemin ta' wara. In kontroezami il-konvenut qal li huwa ra l-vettura ta' l-attur biss ma' l-impatt u qal ukoll li ma jaqbilx mal-pozizzjoni tal-vettura tieghu kif indikata fuq l-iskizz peress illi l-vettura ma kenitx dritta izda angolata u harget kwazi kompletament il-barra mill-*parking*. Huwa sostna wkoll li fil-mument ta' l-impatt kien wieqaf, li minhabba x-xarabank ma setax jara l-vetturi li kienu gejjin minn warajh u cahad ukoll li kien ammetta t-tort wara l-incident.

Jibda biex jinghad li *a tempo vergine* il-konvenut fl-ebda mument ma qal li kien wieqaf fil-mument ta' l-impatt kif minn naha l-ohra sostna in kontroezami. Irid jigi rrilevat ukoll li in ezami il-konvenut qal li kien hiereg mill-*parking* bil-moghod u bir-*reverse*. It-Tribunal jidhirlu li effettivament fil-mument ta' l-impatt il-vettura tal-konvenut kienet *in motion* u huwa kien qieghed jirriversja. Mill-provi imressqa miz-zewg partijiet jirrizulta kjarament li r-responabbilta' ghall-incident hija unikament tal-konvenut u dan stante li huwa naqas li jzomm *a proper lookout* waqt li kien qed jaghmel manuvra insolita bhal ma hija dik illi wiehed jirriversja il-barra minn *parking slot*. L-attur min naha l-ohra kien qed jipprocedi ghall-affari tieghu fit-triq u kellu kull dritt li jissorpassa kemm ix-xarabank li kienet parkeggjata fuq il-*Bus Stop* kif ukoll il-vettura li kienet wieqfa qed tistenna lill-konvenut johrog mill-*parking space* sabiex jidhol minfloku. Del resto il-konvenut jammetti li huwa fl-ebda moment ma ra l-vettura ta' l-attur qabel l-impatt. Dan ifisser li huwa naqas li jesplora adegwatament it-triq qabel ma irriversja u imblokka l-karreggjata li kien qed jipprocedi fiha l-attur.

Il-quantum tad-danni reklamat mill-attur ma giex ikkontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz id-danni

reklamati mill-attur jidher li huma perfettament kompatibbli mad-dinamika ta' l-incident *de quo*.

Ghar-ragunijiet premessi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm425.00) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tal-15 ta' Settembru 2004 u ta' l-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment ma' l-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------